MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2010

Numru 160/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Peter Paul Vella, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-18 ta' Marzu 2010 li permezz taghha l-istess Vella nstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 208A(1B) tal-Kodici Kriminali u gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal tliet snin b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A ta' l-istess Kodici.

**2.** Fis-16 ta' Dicembru 2008 l-imsemmi Peter Paul Vella (bin Paul u Adelina nee Debono, imwieled fis-16 ta' Mejju 1962 u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 26862G) tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja akkuzat talli fil-15 ta' Dicembru 2008

u fis-snin ta’ qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, kiseb jew kellu fil-pussess tieghu ritratti, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti ta’ persuni ta’ taht l-eta`, liema persuni taht l-eta` ma kienux ghalqu d-disa’ snin. Il-kumpilazzjoni nghalqet fil-15 ta’ Jannar 2009, u fit-18 ta’ Frar 2009 l-Avukat Generali baghat l-atti lura lill-Qorti Inferjuri – din id-darba bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali – sabiex din tipprocedi biex tisma’ l-kaz sommarjament fin-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat. Fl-udjenza tad-19 ta’ Mejju 2009 l-imputat, illum appellant, iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat mill-Qorti Inferjuri bi procedura sommarja minflok permezz ta’ Att ta’ Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fis-sentenza taghha aktar il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) sabet lil Peter Paul Vella hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu izda minghajr l-aggravanti (kontemplata fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 208A) li l-persuni murija f’dawk ir-ritratti ecc. ma kienux ghalqu l-eta` ta’ disa’ snin.

**3.** L-appellant, fir-rikors tieghu tas-7 ta’ April 2010, fir-realta` ghandu aggravju wiehed, li pero` jostnih b’diversi argumenti, u cioe` li l-ewwel qorti ma kellhiex quddiema prova sodisfacenti tal-pussess minnu ta’ ritratti indecenti ta’ persuni ta’ taht l-eta`. Huwa jillanja b’mod partkolari li dik il-qorti qatt ma giet provvduta b’kopja tar-ritratti biex hija tkun tista’ tiddeciedi jekk dawk ir-ritratti verament kienux indecenti jew le, jew kienux ta’ minorenni. Jilmenta wkoll li l-ewwel qorti ma messhiex strahet fuq id-deposizzjoni tas-Surgent Decelis.

**4.** Issa, huwa minnu li kien ikun aktar desiderabbli li kieku l-prosekuzzjoni ezebiet imqar selezzjoni zghira minn dawn ir-ritratti biex tilqa’ ghal possibilita` ta’ argumenti bhal dawk li qed jingiebu fir-rikors odjern. Tali selezzjoni kienet tkun partikolarment importanti ghalbiex tigi determinata l-gravita` tal-kaz. Infatti, fi ***Blackstone’s Criminal Practice 2008*** insibu, b’referenza ghall-kaz Ingliz **R. v. Thompson** ([2004] 2 Cr. App. R. 262, fejn il-Qorti tal-Appell elaborat diversi linji gwida ghal kazijiet bhal dawn): “In practice judges will usually view a selection of the material in order to establish the seriousness of the contents.” Fil-kaz in dizamina, pero`, ma hemm ebda aggravju, anqas wiehed

alternattiv u bla pregudizzju, dwar il-piena. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li mid-deposizzjoni tas-Surgent 266 Stefan Decelis, abbinata mad-deposizzjonijiet tas-Surgent 1646 Michael Portelli u l-Kuntistabbli 42 Paul Said, ma jistax ikun hemm l-icken dubju dwar il-htija tal-appellant, u cioe` li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Fi kliem iehor, anke minghajr l-istqarrija li l-appellant kien irrilaxxja lill-Ispettur Frank Tabone u li fiha hemm ammissjoni shiha, il-kaz tal-prosekuzzjoni jirrizulta sufficjentement pruvat. Is-surgent Portelli u l-Kuntistabbli Said, li kienu arrestaw lill-appellant hekk kif hareg mill-iskola fejn kien jghallem u marru d-dar tieghu biex jaghmlu perkwisizzjoni, mal-ewwel sabu fuq wiehed mill-*computers* ritratti li, mid-deskrizzjoni li taw, huwa evidenti li huma ta' minorenni u li huma indecenti fit-termini tal-Artikolu 208A(1B) tal-Kodici Kriminali. Huma, pero`, raw biss ftit ritratti, semplicement kemm jiddeciedu jekk l-informazzjoni li kellhom kienitx korretta. Is-Surgent Decelis, invece, ezamina l-materjal kollu elevat u fisser kif f'wiehed mill-*computers* instabu, fuq *hard disk* minnhom, 691 ritratt indecenti ta' minorenni. Dawn gew minnu katalogati skond il-*Copine Taxonomy* hekk:

Level 2 – Nudist – 15-il ritratt
Level 4 – Posing – 10
Level 5 – Erotic posing – 529
Level 6 – Explicit erotic posing – 57
Level 7 – Explicit sexual activity – 9
Level 8 – Assualt – 8
Level 9 – Gross assualt – 62
Level 10 – Sadistic/Bestiality – 1.

**5.** Fuq *hard disk* ohra fl-istess *computer* kien hemm 80 ritratt iehor indecenti ta' minorenni, li gew katalogati hekk:

Level 1 – Indicative – 2
Level 2 – 4
Level 4 – 2
Level 5 – 52
Level 6 – 6
Level 7 – 4

Level 9 – 10.

**6.** Il-Qorti tal-Appell Ingliza, fil-kaz **R. v. Oliver** [2003] 1 Cr. App. Rep. 463, irriteniet li biex wiehed jitkellem dwar materjal “indecenti” fir-rigward ta’ minorenni irid ikun hemm f’livell 1 “images depicting erotic posing with no sexual activity” (dak li fil-*Copine Taxonomy* [CT] jaqa’ taht il-livelli 4, 5 u 6), f’livell 2 “sexual activity between children or solo masturbation by a child” (dak li fil-CT jaqa’ fil-livell 7), f’livell 3 “non-penetrative sexual activity between adults and children” (dak li fil-CT hu kkunsidrat bhala livell 8), f’livell 4 “penetrative sexual activity between adults and children” (dal li fil-CT jaqa’ fil-livell 9) jew, fil-livell 5 “sadism or bestiality” (livell 10 fil-CT). Issa, anke jekk wiehed jiehu biss dawk ir-ritratti li gew kategorizzati mis-Surgent Decelis bhala li jaqghu fil-livell 5 tal-CT, huwa evidenti li dawn ir-ritratti huma indecenti in kwantu jirraffiguraw lill-minorenni f’ “erotic posing with no sexual activity”.

**7.** Ghalhekk difficli wiehed jifhem kif f’dan il-kaz l-appellant jista’ jippretendi li l-ewwel qorti ma kellhiex quddiemha provi sodisfacenti biex issib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu (salv, dejjem, li, kif anke jistqarr l-imsemmi Surgent Decelis, ma rrizultax illi l-minuri raffigurati fir-ritratti kienu taht l-eta` ta’ disa’ snin – ara fol. 51).

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------